## QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

### IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

### Seduta tas-16 ta' Novembru 2001

**Citazzjoni numru 434/97 GC**

**George Bonnici u John Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance Company Limited u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha J.M. Vassallo Vibro Blocks Company Limited**

**vs**

**1. The Cargo Handling Co. Ltd u**
**2. M.M.S. Ltd u dina bhala agent ta' l-armaturi tal-vapur Preveze**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi nomine ppremettew:-

Illi l-assikurat ta' l-atturi nomine is-socjeta' J.M. Vassallo Vibro Blocks Co. Ltd. impurtat partita merkanzija konsistenti f'1109 "Coils Wire Rod" u 333 "Bundles Rods" (Dokument "A") fuq il-bastiment "Preveze" liema bastiment wasal Malta fl-4 ta' Marzu 1996;

Illi meta l-merkanzija giet irtirata mill-assikurat ta' l-atturi nomine sitt (6) "Coils Wire Rod" instabu nieqsa;

Illi bhala rizultat ta' dana n-nuqqas l-assikurat ta' l-atturi nomine sofriet danni ammontanti ghal elf u disghin lira ta' Malta u sittin centezmu (Lm1090.60);

Illi s-socjeta' attrici kif kienet obbligata illi taghmel hallset lill-assikurat taghha s-socjeta' J.M. Vassallo Vibro Blocks Co. Ltd is-somma ta' elf u disghin lira ta' Malta u sittin centezmu (Lm1090.60) bhala kumpens ghad-danni minnha sofferti u b'hekk giet surrogata fid-drittijiet kollh taghha (Dokument "B");

Illi s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, ma ghandhiex dina l-Qorti:

(1) tiddikjarahom responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici; u

(2) konsegwentement tikkundannahom ihallsu lill-atturi nomine s-somma ta' elf u disghin lira ta' Malta u sittin centezmu (Lm1090.60) danni sofferti mill-assikurat ta' l-attur nomine kif fuq inghad;

Bl-ispjjez u bl-imghax legali mit-28 ta' Mejju 1996 kontra s-socjetajiet konvenuti li gew ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta M.M.S. Limited nomine fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi gew impurtati 1109 "coils wire" u 333 "bundles" kif indikat fic-citazzjoni, u kif jirrizulta mit-tally sheets hawn ezebiti u mmarkati Dok. MS1 sa MS6, dawna kollha tnizzlu u ma kienx hemm nuqqasijiet f'dak il-waqt, u ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta M.M.S. Ltd. definittivament ma tistax tinsab responsabbli;

3. Illi tali ammonti jaqblu perfettament ma' dak li hemm fil-manifest datat 29 ta' Frar, 1996, li qed jigi esebit u mmarkat Dok. MS 7, u jekk kien hemm xi nuqqasijiet dan ma kienx htija tas-socjeta' konvenuta M.M.S. Ltd.;

4. Illi s-socjeta' konvenuta M.M.S. Ltd. kienet infurmat b'dan lill-assikurat tas-socjeta' attrici b'ittra datata 25 ta' Marzu 1996, hawn esebita u mmarkata Dok. MS8, u ghalhekk ukoll ma ghandhiex tbati ebda spejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' konvenuta M.M.S. Limited nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija "de quo" nizlet minn fuq il-vapur bil-hsara kif effettivament jirrizulta mill-joint tally sheets hawn annessi (Dok TCH1 sa TCH6);

2. Illi fit-tieni lok is-socjeta' konvenuta nomine tissoleva li mhiex fi kwalunkwe kaz responsabbli ghal kwalunkwe hsarat u nuqqas allegati mis-socjeta' attrici u dana ai termini tar-Regolament tal-Port Nru. 86 ta' l-1966;

3. Illi wkoll a bazi ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations ta' 1966 tali merkanzija ta' l-impurtatur jaf li tinhazen in the open and always at the sole risk of the owne u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta nomine mhiex responsabbli;

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-interessi mhux dovuti stante li s-socjeta' esponenti ma gietx interpellata thallas ebda ammont determinat u qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u dana iktar u iktar meta s-socjeta' esponenti m'ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici hlief tramite polza;

5. Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. debitament konfermata bil-garament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar 2001 minn fejn jirrizulta li s-socjeta attrici nfurmat lill-Qorti li s-socjeta konvenuta Cargo Handling hallset is-sorte u l-ispejjez taghha u ghlhekk jibqa biss il-hlas tal-ispejjez ghar-rigward tas-socjeta konvenuta l-ohra MMS Limited;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2001;

Ikkonsidrat:

In vista ta dak li gie dikjarat mis-socjeta attrici fl-imsemmi verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar 2001 jirrizulta li l-meritu ta' din il-kawza hu esawrit billi s-socjeta konvenuta Cargo Handling hallset is-sorte kif ukoll halset l-ispejjez pero mhux dawk l-ispejjez li jirrigwardaw is-socjeta konvenuta l-ohra MMS. Bil-presenti qed jigi deciz minn ghandu jhallas dawn l-ispejjez;

In vista tal-imsemmi verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar 2001, in vista tal-provi prodotti inkluzi dawk fil-meritu u in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz jirrizulta li hu opportun li anke l-ispejjez li jirrigwardaw is-socjeta konvenuta MMS ghandhom jithallsu mis-socjeta konvenuta Cargo Handling;

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tiddikjara li l-meritu hu esawrit u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu u tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez ghar-rigward ta' dawk tas-socjeta konvenuta MMS Limited billi tikkundanna lis-socjeta konvenuta Cargo Handling Company Limited thallas dawn l-ispejjez.